MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## DOREEN CLARKE

Seduta tad-9 ta' Marzu, 2015

Numru. 178/2015

**Il-Pulizija**

**(Spettur Robert Said Sareo)**

**vs**

**Renald Vella**

**Kumpilazzjoni Nru: 178/2015**

Il-Qorti

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Renald Vella, ta' 38 sena, bin Rose nee' Vella, imwieled Pieta' fit-03 ta' Gunju 1976, residenti fil-fond bin-numru 90, Triq il-Gross, Marsaskala u detentur tal-Karta ta' l-Identita' bin-numru 479576(M).

Akkuzat talli:

1. Nhar l-14 ta' Frar 2015 ghall-habta ta' 3:15pm, gewwa Triq il-Gross, Marsaskala, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, hebb ghal persuna ta' Malcolm-John Bonnici u/jew persuna/i ohra, u kkagunalu griehi ta' natura gravi, skond ma ccertifikat Dr. Satya Brata Das MD tal-Isptar Mater Dei u dan bi ksur ta' l-artikoli 214 u 216 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl'arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti nvolontarjament ikkawza hsara fuq vettura tat-tip Hyundai, bin-numru ta' registrazzjoni BBV-061, ghad-detriment ta' Malcolm-John Bonnici u/jew xi persuna/i ohra, u dan bi ksur ta' l-artikolu 328(d) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied, u dan bi ksur ta' l-artikoli 338 (1) (dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ghamel ingurja jew theddid mhux imsemmi band'ohra fil-Kodici Kriminali jew, jekk kien ipprovokat, ingurja, b'mod li hareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni lil Malcolm-John Bonnici, Elaine Bonnici Bongailas, u/jew persuni ohra, u dan bi ksur ta' l-artikoli 339 (1) (e) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

5. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, hedded bil-gebel jew bi hwejjeg ohra iebsin, waddab u/jew qabad arma/i ohra kontra Malcolm-John Bonnici u/jew persuna/i ohra, u dan bi ksur ta' l-artikoli 339 (1) (b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kap. 9 tal-ligijiet ta’ Malta ghas-sigurta ta’ din il-persuna/i hawn fuq indikata.

Il-Qorti giet mitluba li tohrog ordni ta’ protezzjoni ai termini tal-artikolu 412 (C) tal-Kap. 9 tal-ligijiet ta’ Malta fil-konfront ta’ Malcolm-John Bonnici u Elaine Bonnici Bongailas, kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f’kaz ta’ htija ma kull piena li l’Qorti jidhrilha xierqa.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f’kaz ta’ htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta’ spejjes li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-artikoli 214, 215, 216, 328(d), 338(dd) u 339(1)(b)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat u l-fedina penali tieghu, qed tiehu in konsiderazzjoni ukoll ic-cirkostanzi li taw lok ghall-incident mertu ta' dawn il-proceduri, l-koperazzjoni ta'l-imputat mal-pulizija u l-ammissjoni tieghu fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 214, 215, 216, 328(d), 338(dd) u 339(1)(b)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah disa' xhur prigunerija li b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospieza ghal perjodu ta' tmintax il-xahar, u b'applikazzjoni ta' l-artikolu 28H ta'l-istess Kapitolu 9 qed tordna lill-imputat biex fi zmien sitt xhur ihallas lill-parte leza is-somma ta' €290.18. In oltre u b'applikazzjoni ta'l-artikoli 382A u 412C ta'l-istess Kapitolu 9, biex tipprovdi għas-sigurtà ta' Malcolm John Bonnici, Elaine Bonnici Bongailas u l-familjari taghhom u għaż-żamma ta'l-ordni pubblika qed tpoggi lill-imputat taht ordni ta' trazzin bil-kundizzjonijiet elenkati f'l-ordni mghoti kontestwalment u dan ghall-perjodu ta' tmintax il-xahar.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien tmintax il-xahar u jekk ma joqghodx ghall-ordnijijt lilu mghotija

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------